MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 42/2005/1

**Andrew Spiteri**

**vs**

**Anthony Camilleri**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' Ottubru 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Jannar 2005 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm188.90 (mija tmienja u tmenin Lira Maltin u disghin centezmu) rapprezentanti danni sofferti ghal telf ta' xoghol.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

It-Tribunal huwa mitlub li jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u tmienja u tmenin Lira Maltin u disghin centezmu (Lm188.90) rapprezentanti din is-somma danni kkagunati mill-konvenut lill-attur meta l-konvenut ipparkeggja l-vettura tieghu Volks Wagen Passat bin-numru VWP 857 b'mod illegali b'tali mod illi l-attur ma setax jghaddi bil-coach tieghu waqt li kien qieghed iwassal it-turisti bil-konsegwenza illi x-xoghol kellu jaghtih lil haddiehor u ghamel telf fl-ammont hawn mitlub.

Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi meta l-imsemmi attur gie imharrek legalment permezz ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Awissu 2004 li nharget fl-ismijiet First Insurance Brokers Ltd vs Andrew Spiteri, u li nharget kontra l-attur fir-rigward tal-istess incident indikat fl-Avviz tat-talba, l-attur hallas is-somma ta' Lm181.50 a saldu tal-ammont debitament pretiza ghad-danni kkagunati u b'tali pagament huwa ammetta r-responsabilta` tieghu ghall-akkadut indikat u kwindi ma jistax issa jitlob tali rimbors.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi dina hija l-kawza partikolari fis-sens li qed issir talba ghal danni minhabba parkegg hazin fit-triq.

L-attur ma setax jghaddi mit-Triq u pprova jghaddi izda baqa mwahhal mal-vettura tal-konvenut. L-attur ikkompensa lis-socjeta` assiguartrici tal-konvenut tal-hsara minnu kagunata fil-vettura tieghu. L-attur jallega li tilef ix-xoghol minhabba n-nuqqas tal-konvenut.

Gie allegat li l-konvenut kien ipparkjat hazin fuq il-“yellow line”. Li kieku kien hekk, zgur li l-pulizija investigattiv kien jinkludiha fir-rapport tieghu u jipprocedi kriminalment kontra l-konvenut. Minn dan kollu, ma rrizulta xejn. Gie stabbilit li meta l-attur gie rinfaccat b’talba ghal hlas dana qabad u hallas minghajr ebda rizerva u/jew nuqqas ta’ pregudizzju.

Sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici irid jigi ppruvat in-nuqqas tal-konvenut. Fejn ipparkja, ma kien hemm l-ebda projbizzjoni. Veru li t-toroq lokali qed jickienu u jidjiequ. Pero’ huwa oneru aktar ingombranti fuq kull sewwieq li jara li jghaddi minn toroq accessibli ghalih. Huwa sintomatiku n-nuqqas tal-attur li jigbed l-attenzjoni tal-pulizija a tempo vergine! Ossia issa tant li saret din l-enfasi kollha f’dawn il-proceduri.

Jiddeciedi t-Tribunal fuq ksur ta’ meta il-principji ordinarji ma jwasslux ghall-gustizzja, pero’ fil-kaz odjern l-attur ma jirnexxilux jipprova l-kaz tieghu fil-konfront tan-nuqqasijiet u/jew ommissjonijiet tal-konvenut.

Jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra tieghu.”

Il-motivi migjuba ‘l quddiem b’ aggravji mill-attur kontra d-decizjoni tat-Tribunal huma arginati ghas-sottomissjonijiet illi c-cahda tat-talba tieghu kienet ir-rizultat tar-ragonament illi hu hallas bla ebda rizerva meta hekk mitlub mill-assigurazzjoni tal-konvenut u li ma giex provat li l-vettura tal-konvenut kienet parkeggjata illegalment;

Jidher minn ezami ta’ l-Artikolu 8 ta’ l-Att V ta’ l-1995 illi l-appellabilita` mis-sentenzi tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar jiddependi ghal certu vers mill-kriterju objettiv tal-valur tal-kawza. Dan fis-sens illi l-individwazzjoni tal-mezz ta’ appellabilita` esperibbli kontra s-sentenza tat-Tribunal issir in funzjoni tal-valur tad-domanda, avut rigward tan-normi tal-ligi specjali (Kapitolu 380) li jiddixxiplinaw id-dritt ta’ l-appell;

Mill-kuntrast bejn is-subinciz (2) u (3) tal-precitat Artikolu 8 hu car li meta l-valur jeccedi l-ammont ta' hames mitt lira (Lm500) d-dritt ta' l-appell ma huwiex cirkoskritt biss ghal xi wahda mill-ipotesijiet elenkati fis-subinciz (2) ta' dak l-artikolu imma hu estiz ghall-aggravji ohra, ta' fatt jew ta' dritt, li jmorru 'l hinn minn dawn. Invece, fejn l-ammont ikun inferjuri ghas-somma indikata d-dritt ta' l-appell mis-sentenza jrid tassattivament jikkoincidi ma' xi wahda minn dawk l-ipotesijiet, jigifieri:

"(a) fuq kull haga li jkollha x' taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal;
(b) fuq kull kwestjoni ta' preskrizzjoni;
(c) fuq kull nuqqas ta' tharis tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 7;
(d) meta t-Tribunal ikun b' mod gravi mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u ta' l-ekwita` skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella."

L-ammont involut f' dan il-kaz hu nferjuri ghas-somma ta' hames mitt lira. Dan igib illi jekk l-appell ma jkunx jirrientra fil-limiti ta' xi wahda mill-ipotesijiet appena predetti, dak l-appell lil din il-Qorti ma huwiex ammissibbli;

Huwa evidenti minn ezami ta' l-appell odjern illi l-appellant bl-ebda mod ma bbaza l-appell tieghu fuq xi gravam li jista' jigi nkwadrat fil-qafas ta' xi wahda mill-erba' ipotesijiet elenkati. Fih ma nsibu xejn hlief kritika ta' l-apprezzament ta' fatti u tal-motivazzjoni tat-Tribunal bazata fuq dawk il-fatti. Kontestazzjoni konsimili ma taghtix lok ghall-appell;

Eskluzi l-ewwel tliet ipotesijiet u dik l-ohra, riferibilment ghal xi lezjoni kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` fir-raba' ipotesi, kieku l-Qorti kellha tikkonsidra l-appell dovolut lilha mill-perspettiva ta' vjolazzjoni tad-dritt ekwitattiv, l-istess il-

Qorti ma ssibx, fil-kaz konkret, li kien hemm tali vjolazzjoni li b’ xi mod ippregudikat l-jeddijiet ta’ l-appellanti;

Il-gudizzju ta’ ekwita`, li jippreciza l-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 380, isib postu fid-decizjoni fil-meritu tal-kawza u in kwantu jattjieni ruhu ghar-regola sostanzjali li trid tigi applikata ghad-domanda proposta jew ta’ l-eccezzjoni ghaliha, dan hu tradott, fir-rigward tal-fattispeci konkret sottopost ghall-ezami mill-gudikatur, fil-possibilita` ta’ mitigazzjoni jew temperament tad-dritt posittiv. Dan s’ intendi kif ikun hekk suggerit u gustifikat mill-pekuljarita` ta’ l-istess fattispeci. L-importanti hu li dak l-istess gudizzju ta’ ekwita` jkun sorrett minn argoment jew argomenti li jaghtu riljiev lill-process logiku - intwittiv fid-determinazzjoni tar-*ratio decidendi*. Naturalment, din l-istess regola ta’ gudizzju ekwitattiv trid tithares fl-osservanza tan-normi processwali u fir-rispett tal-ligi;

B’ riferiment ghall-kaz in ispecje jidher li t-Tribunal adit, aktar mill-adoperu tal-precitata regola tal-gudizzju ekwitattiv, ibbaza ruhu unikament fuq il-kunsiderazzjonijiet fattwali dedotti mill-provi u ghadda ghas-soluzzjoni tal-kontroversja li kellu quddiemu skond l-elementi specifici tal-fattispeci li rrizultawlu. Huwa kkonvinca ruhu li l-parkegg tal-vettura tal-konvenut ma kienx irregolari u, dippju, li l-appellant kien, volontarjament ghadda ghall-hlas tal-kumpens li s-socjeta` assiguratrici ta’ l-appellat riedet tirkupra minghandu. Dan huwa merament valutazzjoni tal-provi u xejn aktar minn hekk. Taht dan il-profil l-appell ma kienx proponibbli.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tqis l-appell bhala inattendibbli in kwantu jirrigwarda kontestazzjoni ta’ l-apprezzament tal-mertu maghmul mit-Tribunal adit li minnu ma setax isir appell fit-termini tal-ligi. Ghaldaqstant qed tichad l-istess, bl-ispejjez kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------